# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 343/2015**

Il-Pulizija

vs

**Gaetano Abdilla**

**Manweli Abdilla**

**Joseph Abdilla**

**Carmelo Abdilla**

Illum it-8 ta' Jannar 2020.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Gaetano Abdilla, Manweli Abdilla, Joseph Abdilla u Carmelo Abdilla akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli f'dawn il-Gzejjer, fis-16 ta' Frar 2012 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

> Bhala Diretturi, Managers, Segretarji jew ufficjali ohra simili tas-socjeta' Ramel u Zrar Limited numru ta registrazzjoni C 13018, jew bhala dawk li kienu qed jidhru li aggixxew f'dik il-kariga ma ezercitawx id-diligenza kollha xierqa biex jevitaw ghemil ta' reat u cioe' talli wzaw jew ippermettew li jigi wzat, bieghu jew offrew ghall-bejgh jew xorta ohra qaghdu jew hallew li jitqieghed fis-suq il-kombustibbli *diesel* li ma kienx konformi ma' l-ispecifikazzjonijiet ta' l-Ewwel

Skeda tar-Regolamenti ta' l-2008 dwar il-Kwalita' tal-Karburanti bi ksur tar-Regolament 5 (1)u (4) tal-Avviz Legali 44 ta' l-2008.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta' Gunju, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 5 (1), (2), (3), (4) u (5) tal-A.L. 44 tas-sena 2008, sabet lill-imputati hatja f'isem is-socjeta' Ramel u Zrar u kkundannathom fil-vesti taghhom ta' Diretturi tas-Socjeta' Ramel u Zrar sabiex ihallsu multa ta' ghaxart elef ewro (€10,000).

Rat l-erba' rikorsi tal-appellanti Geatano Abdilla, Manweli Abdilla, Joseph Abdilla u Carmelo Abdilla minnhom pprezentati fis-26 ta' Gunju, 2015 fejn tallbu lil din il-Qorti thassar u tikkancella s-sentenza moghtija nhar is-16 ta' Gunju 2015 f'l-ismijiet premessi fejn sabithom hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghhom, u konsegwentement tilliberahom minnha, salv kull provvediment iehor xieraq u opportun.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin kemm tal-fatti u kemm tal-ligi.

Illi l-ewwel Qorti iddecidiet illi l-akkuza moghtija fil-konfront tal-imputat kienet dik konfinanti fit-termini tal-artikolu 5(1) tal-Avviz Legali 44/2008.

Illi pero' mill-qari tal-istess akkuza ma jirrizultax li dan hu minnu. Dan qieghed jinghad peress li fl-akkuza moghtija insibu is-segwenti;

*... f'dik il-kariga ma ezercitawx id-diligenza kollha xierqa biex jevitaw ghemil ta' reat...*

Illi dan l-aspett guridiku tal-allegat reat attribwit lill-imputat ma jikkonfigurax ruhu fid-dispost tal-artikolu 5(1) dan fis-sens illi l-artikolu 5(1) m'huwiex reat ibbazat fuq in-nozzjoni legali ta' negligenza jew non kuranza.

Illi ghalhekk il-Qorti kellha tillibera lill-esponent essendo li l-akkuza adebita lill-imputat ma tezistix.

Illi minghajr pregidizzju anke jekk ghal xi raguni jew ohra din il-linja difensjonali tigi regettata u l-Qorti tabbracca l-argument tan-negligenza, xorta kellha tillibera

lill-imputat.

Illi f'dan il-kaz partikolari sahansitra l-imputat jew min minnhom esebew quddiem l-ewwel Qorti anke l-ircevuti relatati.

Illi minn ezami tal-istess ricevuti wiehed jista' jiddeduci oltre ghax hemm indikat sahansitra l-kwalita' tad-diesel li lilhom mibjugh, kwalita' fit-termini tal-ligi.

Illi mill-assjem tal-provi jirrizulta li l-imputat, jew min minnhom, dejjem xtraw id-diesel taghhom minghand fornituri rinomati u licenzjati. Dawn ma xtrawx id-diesel taghhom mill-idejn fejn allura kien jinkombi fuqhom l-obbligu addizzjonali li jasserixxu li l-prodott kien konfinanti mar-rekwisiti tal-ligi. Allahares kull min imur jixtri id-diesel jew il-petrol minn pompa licenzjata irid jaghmel xi verifiki addizzjonali ghax kieku naqaw fl-assurd.

Illi pero il-Qorti tidher li kienet konsapevoli li ir-reat indikat fl-artikolu 5(1) tal-Legal Notice 44 2008 m'huwiex ibbazat fuq il-kwistjoni ta' negligenza o meno. Dan qed jinghad l-ghaliex il-Qorti qalet hekk;

*"il-Qorti pero thoss li din mhix kwistjoni jekk l-imputat/i kienux jafu jekk id-diesel li xtraw kellux kubrit aktar minn dak permess bil-ligi izda hi kwistjoni li effetivament fir-realta' kellhom diesel b'livell ta' kubrit aktar minn dak permess bil-ligi."*

Huwa car ghalhekk li fl-insenjament taghha l-ewwel Qorti kkonkludiet li hawn si tratta ta' reat hekk imsehjjah bl-ingliz *vicarious*.

Il-Qorti kkonkludiet hekk ghax itenni li l-ligi ma ssemiex il-kelma "xjenza" kif isemmi f'reati ohra nghidu ahna bhal fil-kazi ta' ricettazzjoni.

Illi pero bid dovut rispett dan l-argument huwa ghal kollox ironeju. Ir-rikjesta tal-*mens rea* fid-delitti temergi mill-principji generali u kardinali tad-dritt penali, *actus non facit reum ninsi mensit rea*. Jigi affermat li bhala regola huwa biss fil-kontravenjonijiet li tezisti il-vicarious liabity u f'kazi ohra bejn ben precizi li ssemmi specifikament il-ligi bhal fil-kazi ta' natura fiskali.

Illi effettivament l-appellanti sa mill-bidunett ta' dawn il-proceduri sostnew illi l-fuel in kwistjoni kien gie f'idejhom biss minghand sorsi legittimi u identifikati .

Illi hawnhekk si tratta ta' imputazzjoni ta' natura kriminali u ghaldaqstant mix-xhieda prodotti jridu dejjem jirrizultaw l-att kriminuz, maghdud max-xjenza necessarja sabiex wiehed jinstab hati ta' reat, il-*mens rea* – mankanti liema xjenza l-appellanti odjerni ma setghu qatt jigu misjuba hatja tal-akkuza adebita.

Illi f'dan is-sens jinghad illi galadarba l-appellanti odjerni sa mill-bidu ta' dawn il-proceduri sahqu mal-awtorita` illi l-fuel in kwistjoni huma kienu akkwistawh minn sorsi legittimi, licenzjati sabiex jezercitaw kummerc fil-bejgh tal-fuel, allura kien jinkombi fuq l-awtorita` li tistabilixxi s-sors tal-istess fuel, tezamina kampjuni tal-istess socjetajiet indikati mill-appellanti, u tindaga dwar l-origini tal-fuel b'kubrit oghli.

Illi kieku dan l-ezercizzju sar u ma nstab l-ebda fuel iehor li jkollu l-karatteristici kimici li jkunu identici ghal dawk misjuba fil-fuel li kellhom fil-pussess taghhom l-appellanti allura d-difiza tikkontendi illi ma kien ikun ghad fadal l-ebda triq ohra salv li jittiehdu proceduri fil-konfront taghhom, imma mhux qabel ma jsir dan!

Illi meqjus dan kollu, umilment jinghad illi jekk ser tigi accettata dina l-prattika minn dawn il-Qrati, allura l-appellanti odjerni u ohrajn bhalhom, meri konsumaturi, mhumiex f'posizzjoni jassikuraw l-interessi taghhom u zgur li mhumiex f'posizzjoni jizguraw illi incident bhal dan ma jirrepetix ruhhu. Dana ghaliex effettivament jinsabu *'at the mercy'* tad-distributuri li jqassmu fuel, fuel li l-konsumatur mhuwiex f'posizzjoni jezamina sabiex jistabilixxi l-livelli tal-kubrit li jikkontjeni, u f'kaz li fuq il-konsumatur jinstab b'kampjun difettuz, allura jittiehdu fil-konfront tieghu proceduri bhal dawn.

Illi certament il-Qorti tista` tapprezza li dina tkun ingustizzja kbira – il-konsumatur la ghandu x-xjenza teknika, u lanqas il-makkinarju necessarju sabiex isir ezami bhal dan u mankanti dan kollu, l-obbligu tieghu naxxenti mil-ligi, u allura dak li jezercitaw id-diligenza kollha sabiex jassikuraw li minnhom jintuza fuel b'livelli ta' kubrit skond il-ligi, ghandu jieqaf mal-punt li l-konsumatur jakkwista l-istess fuel minghand persuni licenzjati ghal bejgh tal-istess u xejn aktar.

Illi tenut kont dan kollu, l-esponenti jikkontendu li ghandhom jigu lliberati mill-akkuza adebita.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-aggravju ewlieni intentat mill-appellant jistrieh fuq l-element intenzjonali ghal kummissjoni tar-reat lilhom addebitat imsejjes fuq ir-regolament 5 tal-Avviz Legali 44 tal-2008. Jikkontendu l-appellanti, fl-ewwel lok, illi r-reat ma jikkontemplax il-forma kolpuza, izda biss dik doluza fis-sens illi is-sejbien ta' htija ma jistax jistrieh fuq l-involontarjeta' tal-att li ghandu il-bazi tieghu n-negligenza u n-non kuranza. Mhux biss izda jikkontendu illi l-element intenzjonali, bhal kull reat iehor irid jissussisti u cioe' irid jkun hemm il-prova li l-appellanti jew min minnhom kellhom ix-xjenza mehtiega illi jakkwistaw id-diesel imhallat b'livell ta' kubrit oghla minn dak permess fil-ligi, prova li fil-fehma taghhom hija ghal kollox mankanti. Dan ghaliex huma jakkwistaw id-diesel minn ghand id-distributur u ma ghandhom l-ebda obbligu mal-akkwist ta'l-istess jivverifikaw l-kwalita tad-diesel hekk mixtri.

Illi matul il-kors tat-trattazzjoni tal-appell, l-abbli difensur tal-appellanti jipponta subajgh ukoll lejn in-natura tal-prova maghmula mill-prosekuzzjoni permezz ta' testijiet li saru mil-laboratorju Saybolt u dan sabiex jissostanzjaw l-akkuza migjuba kontra taghhom. Jishaq illi mhux biss ma saritx inkjesta magisterjali u allura r-rizultati ta' dawn it-testijiet huma maghmula minn espert *ex parte* u mhux wiehed mahtur mill-Qorti, izda ukoll illi lanqas hemm prova tal-katina tal-evidenza tal-kampjuni elevati minn ghand l-appellanti u cioe' tal-hekk imsejjha *chain of custody*.

Illi fil-fatt minn ezami tal-atti ghandu jemergi illi fis-16 ta' Frar tas-sena 2012 rappreżentanti mill-Malta Resources Authority kkonduċew spezzjonijiet f'siti varji fosthom fil-barriera tal-appellanti bl-isem ta' Ramel u Żrar li tinstab gewwa Ħad-Dingli

bil-ghan illi jigi ezaminat il-kwalita′ tad-diesel li kien qed jintuża fis-siti in kwistjoni. Minn hemmhekk elevaw tlett (3) kampjuni minn tank ta′ vettura bin-numru ta′ registrazzjoni JAF465 li huwa tank fiss fis-sit li jissuplixxi l-vetturi li jmorru jixtru d-diesel. Meta dawn il-kampjuni ġew analizzati fil-laboratorju Saybolt, irriżulta illi l-kontenut ta′ kubrit fid-diesel elevat mis-soċjeta′ Ramel u Żrar ma kienx konformi mal-ligi. Dawn il-kampjuni ġew analizzati minn Natalino Spiteri u Derian Debattista li eżegwew dawn l-ispezzjonijiet wara li l-istess gew elevati fil-preżenza tar-rappreżentant tas-soċjeta u gew ssiġillati sakemm saru t-testijiet relattivi dakinhar stess. Il-laboratorju inkarigat mill-Malta Resources Authority fiż-żmien mertu ta′ dan il-każ ken dak tas-Saybolt Malta Ltd ta′ Kalafrana u l-ispiżjar li ezegwixxa dawn l-ezamijiet kien David Gauci. In vista ta′ dawn ir-riżultanzi, l-Awtorita ressqet il-kwerela mal-pulizija fejn talbet li jittieħdu passi kriminali kontra l-appellanti kollha għan-nom u in rappreżentanza tas-socjeta Ramel u Żrar fejn konsegwentement inbdew dawn il-proċeduri u eventwalment gew misjuba hatja mill-Ewwel Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi qabel ma din il-Qorti titratta l-aggravji kif imfassla fl-erba rikorsi tal-appell imressqa mill-appellanti, tajjeb li qabel xejn tigi trattata s-sottomissjoni mqanqla mid-difensur tal-appellanti fil-kors tat- trattazzjoni ta′ dan il-każ, konċernanti l-kampjuni li ġew elevati mis-sit tal-appellanti w l-katina tal-evidenza li wassal sabiex l-istess, fl-ewwel lok, jigu ezaminati mill-laboratorju Saybolt inkarigat mill-Awtorita kwerelanti u imbaghad mill-espert mahtur mill-Ewwel Qorti Dr. Geroge Peplow. L-appellanti jikkritikaw il-mod kif dawn inġabru u nżammu mill-Awtorita sakemm finalment gew esebiti fil-kawza mill-Prosekuzzjoni billi dawn qatt ma gew ikkustoditi taħt l-Awtorita′ tal-Qorti u konsegwentement il-katina tal-evidenza jew ahjar ic-*chain of custody* giet ikkontaminata sabiex allura jkun perikoluz ghal qorti tistrieh fuq il-prova maghmula permezz tal-ezamijiet forensici maghmula fuq dawn il-kampjuni.

Illi l-Qorti tistqarr minnufih illi l-appellanti ghandhom ragun f'dan l-ilment minnhom ivventilat. Dan ghaliex sakemm il-kampjuni wasslu f'idejn il-Qorti dawn gew mghoddija minn hafna idejn fejn sahanistra fuq uhud minnhom saru ezamijiet indipendenti minn esperti *ex parte* tal-Awtorita kwerelanti. Mhux biss, izda ukoll meta l-Ewwel Qorti hatret l-espert taghha sabiex isiru l-ezamijiet ta' dawn il-kampjuni meta kif inghad, l-evidenza kienet diga' giet ikkontaminata, anke l-espert Dr. George Peplow ma ezegwiex dawn l-ezamijiet huwa stess. Mir-rapport tieghu esebiet a fol. 52 et.seq tal-process jirrizulta illi l-kampjuni gew minnu ssigillati u mibghuta permezz ta' trasportatur privat inkarigat mill-espert, Agritrans Ltd, tas-Siggiewi tramite certu Tony Schembri li wassalhom sa Pozzallo permezz tal-Virtu Ferries. Jidher li dawn imbaghad gew migbura minn impjegat inkarigat mil-laboratorju Centro Analisi ta' Sirakuza, liema laboratorju imbaghad baghat dawn il-kampjuni lil laboratorju iehor bl-isem Natura gewwa Napli li imbaghad finalment ezegwixxa l-ezamijiet forensici. Ma jirrizultax mill-atti illi kemm it-trasportatur kif ukoll il-laboratorji inkarigati mill-espert Peplow qatt gew mahtura mill-Ewwel Qorti biex jiehdu hsieb jaghmlu t-trasport u l-ezamijiet mehtiega rispettivament. Dan ifisser allura illi mhux biss l-Ewwel Qorti ma setatx tistrieh fuq il-konkluzjonijiet milhuqa mix-xjenzati li ghamlu l-ezamijiet mehtiega gewwa l-laboratorju Saybolt, izda lanqas setghet tistrieh fuq l-ezamijiet li saru fuq il-kampjun issiggilat u esebiet mill-Prosekuzzjoni billi mhux biss dan il-kampjun ma giex ippreservat u mzimum taht l-Awtorita taghha mill-mument li gie elevat ghaliex kien f'idejn l-Awtorita kwerelanti, izda ukoll ghaliex lanqas l-espert minnha nominat ma ezegwixxa l-ezamijiet forensici huwa stess izda ghaddiehom lil terzi persuni estranji ghal kaz u li qatt ma gew minnHa nominati sabiex jaghmlu x-xoghol li l-espert iddecieda hu minn jeddu u minghajr l-awtorizazzjoni tal-qorti li kien mehtieg illi jsir.

Illi f'sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta tal-24 ta' Settembru 2009 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Renard Cassar, gie deciz:**

"Minn dawn il-provi fuq riassunti jemergi li l-kaz tal-prosekuzzjoni jistrieh kollu kemm hu fuq ir-rizultat tal-analizi li ghamel David Gauci bhala analista tal-kumpanija privata Saybolt Malta Limited. Din l-analizi tekniko-xjentifika saret fuq talba tal-Enemalta Corporation wara preljev ta' samples tad-diesel li kien qed jimbiegh mill-pompa gestita mill-appellat. Issa l-istess regolamenti komprizi fl-Avviz Legali 222 tas-sena 2001 jistipulaw li ghall-proceduri mehuda ghall-ksur tal-istess regolamenti ghandhom japplikaw ir-regoli tal-Kodici Kriminali ghall-proceduri kriminali [Reg. 10 (1) (2) ]. Issa hija prattika sancita mill-ligi li xhieda ordinarji w cioe' mhux persuni li jigu mahtura bhala esperti mill-Qorti, ma jistghux jaghtu jew jesprimu opinjoni imma jistghu jiddeponu biss fuq dak li huma jikkonstataw bis-sensi taghhom. Meta tkun mehtiega xi hila jew sengha specjali biex jigi ezaminat xi oggett, ghandha tigi ordnata perizja, (art. 650 (1) tal-Kap.9). Il-periti skond il-Kodici Kriminali ma jistghux ikunu esperti ex parte imma jridu jkunu gew maghzulin mill-Qorti (art. 650 (1) tal-Kap.9) jew mill-Magistrat Inkwirenti li jkun qed jikkonduci l-in genere (art.548 u 549 tal-Kap.9).

Issa f' dan il-kaz indubbjament ir-rapport tar-rizultat tal-analizi li saret minn David Gauci u li jinsab a fol. 11 tal-process seta' biss jigi kompilat b' hila u sengha specjali tal-istess analista w mhux rizultat ta' kostatazzjoni ta' fatt bis-sensi ordinarji tieghu. Fi kliem iehor jinkorpora opinjoni li, bhala xhud ordinarju, hu kien prekluz milli jaghti kemm quddiem din il-Qorti kif ukoll quddiem l-Ewwel Qorti.

Konsegwentement, ladarba l-imsemmi rapport ma sarx minn perit maghzul mill-Qorti, dan jirrendi l-istess rapport bhala wiehed inammissibbli bhala prova. Li suppost sar f' dan il-kaz kien li, appena l-Enemalta rrizultalha li fis-samples mehuda minghand l-appellat kien hemm diesel kontaminat, il-Malta Resources Authority jmissha talbet lill-Pulizija li titlob li tinfetah inkjesta magisterjali biex, permezz ta' periti nominati mill-Magistrat Inkwirenti – kif kien isir fil-kaz ta' tbaghbis mal-meters tad-dawl u tal-elettriku – jigi konstatat x' kien is-sulphur content tad-diesel prelevat. Dan jista' jsir billi minnflok zewg kampjuni jigu prelevati tlieta, wiehed ghall-analisi preliminari privata tal-Enemalta Corporation, wiehed ghall-persuna li minn ghandu jkun ittiehed il-kampjun u wiehed, okkorrendo, ghall-analisi eventwali minn perit nominat mill-Qorti ghal dan il-ghan. Seta' wkoll koncepibbilment, fuq talba tal-prosekuzzjoni, gie nominat perit mill-Ewwel Qorti f' dan il-kaz biex, indipendentement mill-analizi li saret minn David Gauci, janalizza l-istess kampjun jekk dan kien ghadu jezisti fil-mori ta' din il-kawza quddiem l-Ewwel Qorti. Dan ma sarx. Ghalhekk, fl-istat tal-provi li ghandha quddiemha, din il-Qorti ma tistax issib htija fuq opinjoni tekniko-xjentifika ta' espert li ma giex nominat bhala perit mill-Qorti".

Illi m'hemm l-ebda dubbju lanqas illi d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jitkellmu dwar il-mod kif il-provi ghandhom jingabru u jigu ppreservati japplikaw ukoll fir-rigward ghall-akkuża in diżamina, u dan skond ir-regolament 13(4) tal-Avviz Legali 44 tal-2008.[1] Kwindi l-Qorti ma tistax tistrieħ fuq opinjoni ta' espert ex parte iżda għandha toqgħod fuq opinjonijiet mogħtija minn esperti nominati minnha. Konsegwentement il-prova maghmula permezz tar-rapport imhejji mill-laboratorju Saybolt hija prova inammissibbli skont il-ligi u kellha tigi skartata mill-Ewwel Qorti.

Illi ghalkemm l-Ewwel Qorti b'mod ghaqli hatret espert taghha, kif inghad, sabiex jaghmel l-ezmaijiet forensici mehtiega, anke din il-prova hija wahda zoppa u inammissibbli skont il-ligi. Illi mill-atti jirriżulta illi dan l-espert inħatar fit-3 ta' Settembru 2013 u ċioe sena u nofs wara li l-kampjuni ġew elevati u analizzati fil-laboratorju Saybolt[2], biex b'hekk kif inghad l-evidenza ma gietx debitament ippreservata. Mhux biss izda ukoll l-persuni li effettivament ghamlu l-ezamijiet forensici qatt ma gew innominati mill-Qorti u lanqas ma jirrizulta minn huma gjaldarba l-espert jindika biss illi dawn ittiehdu gewwa laboratorju fl-Italja minn persuni mqabbda minnu stess minghajr ma hemm indikat min fizikament ghamel l-ezami mehtieg. Lanqas hanwhekk allura ma kien hemm kontroll fuq il-katina tal-evidenza u l-awtorita indipendenti u investigattiva li ghamlet din l-analizi qatt ma giet mahtura mill-Qorti ghal dan il-ghan.

Konsegwentement lanqas r-rapport ta' l-espert tal-Qorti Dr. George Peplow, li jikkonferma r-riżultanzi milħuqa mill-Laboratorju Saybolt, ma huwa prova ammissibbli

---

[1] 4) **Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 370 tal-Kodiçi Kriminali, il-procedimenti dwar reat kontra dawn ir-regolamenti ghandhom isiru quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), skond ma jista' jkun il-kaz, u ghandhom ikunu skond id-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali li jirregolaw il-procedura quddiem dawk il-qrati ta' gudikatura kriminali.**

[2] Ara folio 16 et seq tal-atti proċesswali.

skont il-ligi u l-Ewwel Qorti ma setgħatx tistrieħ fuq ir-riżultanzi tal-espert maħtur minnha bħala prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni.

Illi magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet u skartati allura l-provi li fuqhom hija imsejsa s-sejbien ta' htija tal-appellanti ghall-uniku akkuza lilhom addebitati, il-Qorti ma tarax illi ghandha għalfejn tinoltra ruhha fl- l-aggravji l-oħra imqajjma fir-rikorsi tal-appell.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u htija.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur